MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Numru. 774/2007

**Distrett Kaz nru. 774/2007**

**Illum, 29 ta' Novembru 2007**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Anthony Grech bin Emanuel John u Josephine nee' Cini,**
**imwieled fid-29 ta' Frar, 1984 u residenti 29,**
**Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 12984(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Anthony Grech li gie akkuzat talli nhar l-20 ta' Lulju, 2007 ghal habta ta' 01:00a.m. waqt li kien fi fl-inhawi ta' Ghajn Mhellel limiti taz-Zebbug, Ghawdex, kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu jew garr barra xi fond jew fid-ditorni arma tan-nar tal-marka Benelli bin-numru EO1880/01 u munizzjon, jigifieri 15–il skartocc minghajr ma kellu licenzja taht l-Att dwar l-Armi Kap 480 5(1) ;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikolu 5 (1) u Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480;
Fuq ammissjoni u wara li qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz issib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta' tlett mitt Lira Maltin (Lm300).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------